# KIF NIKTBU L-MALTI SEW

minn Anthony Mercieca

Ħafna Maltin għandhom l-idea li l-Malti hu tqil ħafna biex tiktbu. Dan mhu minnu xejn. Ħija ħrafa li ilha tingħad is-snin. Meta nirraġunaw ftit naraw kemm fil-fatt il-Malti hu ħafif biex jinkiteb.

L-ewwel u qabel kollox ma rridux naħlu ħin f'argumenti ma' sħabna jekk kelma għandhiex tinkiteb mod jew mod ieħor. Hemm ir-regoli mfasslin mill-Akkademja tal-Malti li hija l-ogħla awtorita' rikonoxxuta mill-Gvern f'dik li hija kitba tal-Malti. Ir-regoli ilhom stabbiliti. Dmirna hu li nirringrazzjaw lill-Akkademja tal-Malti talli fasslithom u nsegwuhom fl-irqaqat kollha tagħhom fil-kitba tagħna.

Ta' min ifakkar lil kulħadd li meta niktbu xi ħaġa, niktbuha tali mod li tingħaraf minn min jirċeviha. Jien stess ġieli nirċievi korrispondenza li tant tkun miktuba bl-addoċċ li lanqas biss nagħraf x'ikun hemm miktub. L-edukazzjoni għandha tkun f'kollox. Għandna nagħtu kas min se jaqra l-messaġġ. Wara kollox jekk min jirċievi l-ittra ma jagħraf x'ikun hemm miktub nistgħu ma nibagħtuhielu xejn. U mhux noqogħdu ngergru li ma weġibniex!

Biex nevitaw l-iżbalji rridu nkunu eżatti fil-kitba tagħna, speċjalment f'dettalji li ħafna jaħsbu li huma ta' bla importanza. Kull regola hi importanti. Ħadd ma joqgħod jagħmel ir-regoli biex jgħaddi ż-żmien. Jagħmilhom biex jiġu mħarsa.

Qatt tinsa tagħmel it-tikka fuq il-konsonanti "Ċ". Dik hi r-regola.
Eż. iċ-ċiċri.

Qatt tinsa tagħmel it-tikka fuq il-"Ġ".
Eż. il-gaġġa.

Qatt tinsa tagħmel it-tikka fuq iż-"Ż".
Eż. iż-żiemel.

Tajjeb li nkunu nafu li fil-Malti għandna konsonanti li tirrappreżenta żewġ ħsejjes. Din hija z-"Z".

Eżempji ta' l-ewwel ħoss: iz-zija; l-elezzjoni; mezz ħafif.

Eżempji tat-tieni ħoss: organizza; gazzetta; iffilosofizza; mezzi ħfief.

Ġieli dawn iż-żewġ ħsejjes insibuhom fl-istess kelma.

Eż. organizzazzjoni.

Noqogħdu attenti li qatt ma nitfixklu dawn iż-żewġ ħsejjes tal-konsonanti "Z" mal-ħoss taż-"Ż" li għandha t-tikka fuqha fi kliem bħal: iż-żiemel; iżżufjetta.

Jiena ċert li meta nibdew nieħdu pjaċir ninnotaw dawn id-dettalji, il-Malti jsir ħafif għax inkunu bdejna napprezzaw il-loġika fit-tfassil tar-regoli tal-kitba tiegħu.

Kull meta niġu biex niktbu l-"Għ" għandna naqtgħulha rasha.
Eż. żagħżugħ; żagħżugħa; żgħażagħ.

Kull meta niġu biex niktbu l-"ĦE" għandna naqtgħulha rasha.
Eż. ħawħ; ħelu; raħal.

L-"AKKA" qatt ma naqtgħulha rasha. Lanqas meta titlissen bħala "ĦE" f'tarf ta' kelma.
Eż. hena; fih; kitbuh; kitibhulna; ħuha; ħuh; zijuh; nannuh.

Meta l-"għajn" jew il-"ħe" niktbuhom bħala ittri kbar naqtgħulhom rashom darbtejn.
Eż. Ħal Qormi; Għawdex; Ħal Għaxaq; Ħaż-Żabbar.

Hawn min jaħseb li dawn huma rqaqat żejda u m'hemmx għalfejn toqgħod tiffitta dwarhom. Din mhix kwistjoni ta' fittaġni. Dawn huma r-regoli grammatikali u għandna nsegwuhom. Min juża t-"typewriter" jew il-kompjuter għandu jara li l-Malti jiktbu skond l-alfabett Malti u mhux skond l-alfabett ta' xi lingwa oħra. Diżgrazzjatament nara rivisti sħaħ stampati b'alfabetti oħra. Ħadd mhu skużat. Dawn huma l-iżbalji l-goffi.

Għalkemm illum għandna l-kumdita' kollha fl-ittajpjar u l-istampar permezz tal-kompjuters kulmin jittajpja xi ħaġa għandu jkun serju biżżejjed biex ma jittajpjax żbalji banali. Niftakru li l-kompjuter jagħtik dak li tagħtih. Jekk it-tajpista jittajpja koċċ tgerfix, il-kompjuter tgerfix se jagħtih. Biex inkun għedt kollox ħafna kittieba jwaħħlu fit-tajpisti u ħafna tajpisti jwaħħlu fil-kittieba. Il-ħmar iwaħħal f'denbu.

Il-qarrej tal-fuljett, rivista, gazzetta jew ktieb ma jinteressah xejn minn min minnhom għandu t-tort. Jinteressah biss li dak li jiġi f'idejh ikun miktub suret in-nies. Fil-fatt meta jsiru żbalji ortografiċi f'xi ħaġa stampata t-tort hu tal-kittieb, tat-tajpista u ta' l-istampatur. Jekk xi ħadd minnhom mhux kuntent b'xogħol xi wieħed mit-tnejn l-oħra ma jaċċettax xogħol ortografikament imgerfex. Fil-kitba tal-Malti hemm regoli fissi u ħadd ma jista' jinjorahom u jippretendi li napprezzaw ix-xogħol tiegħu! Kulmin l-hena tiegħu jipproduċi xogħol medjokru u mgerfex għandu jżomm għalih u jgawdih hu. Mela jbellgħu lill-poplu Malti bħala xogħol ta' l-ogħla livell letterarju!

Dan kollu qed ngħidu għax jekk kulħadd se jibqa' jikteb il-Malti kif irid u kif jogħġbu, kulħadd se jispiċċa mħawwad u ma jafx fejn se jibda jagħti rasu meta jiġi biex jikteb xi ħaġa bil-Malti. Jiddispjaċini li anke meta jiġu biex jiktbu isem ta' triq dawk inkarigati lanqas jindenjaw ruħhom jiktbu l-Malti sew. Uħud l-iżbalji jivvintawhom. "Pjazza San Franġisk" għamlulha s-sing bejn "San" u "Franġisk". "Triq Santa Marija" nsewlha l-konsonanti "J". Fil-kunjom "Schembri" l-"akka" qatgħulha rasha darbtejn.

Forsi hawn min jistaqsini fejn narahom dawn l-iżbalji ortografiċi. Kulma nista' ngħidlu hu li għandu jiftaħ għajnejh u jħares madwaru. Naċċertah li f'dik li hi ortografija Maltija f'Malta u Għawdex ma jarax għaxriet jew mijiet iżda eluf. Kollox se jibqa' kif inhu jekk il-poplu Malti ma jindunax bl-istraġi li hawn madwarna u jipprotesta bħalma qed nagħmel jien biex il-Malti li huwa lsien art twelidna jinkiteb skond l-ortografija li hi rikonoxxuta saħansitra mill-istess gvern. Jiena waħdi ma nista' nagħmel xejn biex neqred din il-bruda u d-diżinteress f'dak kollu li jirrigwarda l-ortografija Maltija. Hu d-dmir ta' kull ċittadin Malti li jipprotesta kontra kulmin jikteb il-Malti bl-addoċċ anke jekk dak li jkun qed jikteb jaħseb li hu xi espert tal-Malti u Alla ħares tikkoreġih. Individwalment ħadd m'għandu d-dritt joqogħod jilgħab mar-regoli ta' l-ortografija Maltija. Dawk qegħdin hemm u xogħolna hu biss li nitgħallmuhom u nħarsuhom għall-ġid tal-poplu Malti kollu.

*Anthony Mercieca*